



2024/2068

29.7.2024

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2068**

**tas-26 ta' Lulju 2024**

**li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 33(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.
- (2) Fis-7 ta' Marzu u l-15 ta' April 2024, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-KSNU aġġorna l-informazzjoni relatata ma' żewġ entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

BÓKA J.

<sup>(1)</sup> ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79.

## ANNEX

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, taħt l-intestatura "B. Entitajiet", l-entrati 29 u 54 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Lokalità	Data tad-deżinjazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
"29.	National Aerospace Technology Administration (NATA)	magħruf preċedentement bħala: National Aerospace Development Administration; magħruf preċedentement bħala: NADA	DPRK	2.3.2016	NATA hija involuta fl-iżvilupp tax-xjenza u t-teknoloġija spazjali tar-RDPK, inkluż l-isparar ta' satelliti u 'carrier rockets'.
54.	Ministeru għad-Difiża Nazzjonali	Ministeru għad-Difiża Nazzjonali; Ministeru għad-Difiża; Ministeru għad-Difiża; magħruf preċedentement bħala: Ministeru għall-Forzi Armati tal-Poplu (MPAF)	Pyongyang, RDPK	22.12.2017	Il-Ministeru għad-Difiża Nazzjonali jimmaniġġja l-ħtiġijiet amministrattivi u loġistiċi ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean."